# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlieta u Tletin (31) – Laqgħa b'urġenza**

**14 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattivi tal-Kunsill fis-7.00pm.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi-Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Stefan Bajada – Kunsillier

**ASSENTI**

Anthony Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josephine Sultana – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

31.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Josephine Sultana ppreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stefan Bajada li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol.

31.1.2 Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw unanimament din l-apoloġija.

**31.2 Il-*one way* f'parti minn Triq Ta' Bullara**

33.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li wara li kompla jaħseb u anke tkellem mal-kunsilliera fuq id-deċiżjoni li ttieħdet fl-aħħar laqgħa dwar toroq *one-way*, nħass il-bżonn li parti minn Triq Bullara, minn fejn tgħaqqad ma' Triq l-Ispiera safejn tgħaqqad ma' Triq l-Għar ta' Xerri ssir *one way* fid-direzzjoni lejn il-pjazza. Jiġifieri min ġej minn Triq l-Għar ta' Xerri jista' jkompli lejn il-pjazza pero' min ġej mill-pjazza ma' jistax imur lejn Triq l-Għar ta' Xerri minn din il-parti ta' Triq Ta' Bullara.

Għalhekk issejħet din il-laqgħa b'urġenza sabiex tittieħed deċiżjoni fuq din it-triq sabiex ikunu jistgħu jitmexxew il-proċeduri biex jiġu mplimentati l-ewwel toroq *one way.* Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda unanimament li din il-parti tat-Triq Ta' Bullara issir one-way.

31.2.2 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15pm.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Josephine Sultana**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**